REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 413/2014

tat-23 ta' April 2014

li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni tal-laħam tat-tajr li joriġina mill-Ukraina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jipprevedi arranġamenti preferenzjali għall-2014 għad-dazji doganali marbuta mal-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina. Skont l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness III tiegħu għandhom jitħallew jiġu impurtati fl-Unjoni fil-limiti tal-kwoti tariffarji stabbiliti f'dak l-Anness. Il-kwoti msemmija fl-Anness III ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 184(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Filwaqt li l-kwota kkonċernata normalment għandha tiġi amministrata permezz tal-liċenzji tal-importazzjoni, ikun f'loku li bħala l-ewwel pass jiġu attribwiti d-drittijiet tal-importazzjoni u bħala t-tieni pass jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]). B'dan il-mod, l-operaturi li jkunu kisbu d-drittijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu, matul il-perjodu tal-kwota, il-waqt meta jixtiequ japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni, u dan fid-dawl tal-flussi reali tagħhom tal-kummerċ.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 ([4]) għandu japplika għal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament, ħlief fejn ikun hemm lok għal xi derogi.

(4) Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni, l-istatus tal-applikanti u l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għandhom japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati f'dan ir-Regolament.

(5) Biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni tajba tal-kwoti tariffarji jeħtieġ li tiġi ddepożitata garanzija meta titressaq l-applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni u meta tinħareġ liċenzja tal-importazzjoni.

(6) Sabiex l-operaturi jiġu obbligati japplikaw għal-liċenzji tal-importazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni kollha allokati, għandu jiġi stabbilit li dan l-obbligu jikkostitwixxi rekwiżit primarju fis-sens tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 ([5]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 tat-28 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi r-regoli komuni ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 4).

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013 [1] issostitwixxa xi kodiċijiet tan-NM fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [2] b'kodiċijiet tan-NM ġodda li issa huma differenti minn dawk imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 374/2014. Għaldaqstant, l-Anness I ta' dan ir-Regolament għandu jirrifletti l-kodiċijiet tan-NM l-ġodda.

(8) Peress li l-kwoti msemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 374/2014 huma miftuħa biss sal-31 ta' Ottubru 2014, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji

1. Dan ir-Regolament jiftaħ u jamministra l-kwoti għall-importazzjoni tal-prodotti indikati fl-Anness I.

2. Il-kwantità tal-prodotti koperti mill-kwoti msemmija fil-paragrafu 1, ir-rata tad-dazju doganali applikabbli, kif ukoll in-numri tal-ordnijiet huma stabbiliti fl-Anness I.

3. Il-kwoti tariffarji għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu amministrati billi bħala l-ewwel pass jiġu attribwiti d-drittijiet tal-importazzjoni u bħala t-tieni pass jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni.

4. Għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1301/2006 u (KE) Nru 376/2008, u dan jekk kemm-il darba ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-perjodu tal-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jibqgħu miftuħin sal-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 3

Applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni

1. L-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni għandhom jitressqu sa mhux aktar tard mis-13.00, ħin ta' Brussell, fil-15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Mat-tressiq tal-applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 35 għal kull 100 kilogramm.

3. L-applikanti għad-drittijiet tal-importazzjoni jridu juru li kwantità ta' prodotti tat-tjur li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 0207, 0210 99 39, 1602 31, 1602 32 jew 1602 39 21 ġiet impurtata minnhom jew f'isimhom, skont id-dispożizzjonijiet tad-dwana rilevanti, matul il-perjodu ta' 12-il xahar eżatt qabel il-perjodu tal-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-kwantità ta' referenza"). Kumpanija ffurmata mill-fużjoni ta' kumpaniji li kull waħda minnhom tkun impurtat kwantitajiet ta' referenza, tista' tuża dawk il-kwantitajiet ta' referenza bħala l-bażi għall-applikazzjoni tagħha.

4. Il-kwantità totali koperta minn applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni mressqa fil-perjodu tal-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni ma għandhiex taqbeż il-kwantitajiet ta' referenza tal-applikant. L-applikazzjonijiet li ma jħarsux din ir-regola ma jiġux aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti.

5. Mhux aktar tard mis-seba' jum ta' xogħol wara tmiem il-perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet totali tal-applikazzjonijiet kollha f'kilogrammi ta' piż tal-prodott, imqassmin skont in-numru tal-ordni.

---

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1001/2013 tal-4 ta' Ottubru 2013 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 290, 31.10.2013, p. 1).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

6. Id-drittijiet tal-importazzjoni jibdew jingħataw mis-7 jum ta' xogħol u mhux aktar tard mit-12-il jum ta' xogħol wara tmiem il-perjodu għan-notifiki msemmi fil-paragrafu 5.

7. Jekk l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tirriżulta fl-allokazzjoni ta' inqas drittijiet tal-importazzjoni milli jkunu tressqu applikazzjonijiet għalihom, il-garanzija ddepożitata skont il-paragrafu 2 għandha tiġi rrilaxxata proporzjonatament, mingħajr dewmien.

8. Id-drittijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sal-31 ta' Ottubru 2014. Id-drittijiet tal-importazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 4

Ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-kwantitajiet assenjati skont il-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikopru l-kwantità totali tad-drittijiet tal-importazzjoni allokati. Dan l-obbligu għandu jkun rekwiżit primarju fit-tifsira tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 282/2012.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja jistgħu jitressqu biss fl-Istat Membru fejn l-applikant ikun applika għad-drittijiet tal-importazzjoni skont il-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) u fejn ikun kisibhom.

4. Fiż-żmien meta tinħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni għandha tiġi ddepożitata garanzija ta' EUR 75 għal kull 100 kilogramma mill-operatur. Kull ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni għandu jirriżulta fi tnaqqis korrispondenti fid-drittijiet tal-importazzjoni li jkunu nkisbu u l-garanzija ddepożitata għad-drittijiet tal-importazzjoni għandha tiġi rrilaxxata proporzjonatament, mingħajr dewmien.

5. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu ladarba japplika għalihom, f'ismu, l-operatur li jkun kiseb id-drittijiet tal-importazzjoni.

6. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja għandhom jirreferu għal numru tal-ordni wieħed biss. Jistgħu jikkonċernaw diversi prodotti koperti minn kodiċijiet tan-NM differenti. F'dan il-każ, il-kodiċijiet kollha tan-NM u d-deskrizzjonijiet tagħhom għandhom jiġu indikati fil-kaxex 15 u 16 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzja stess, rispettivament.

7. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji tal-importazzjoni għandhom juru:

(a) fil-kaxxa 8, l-isem "L-Ukraina" bħala l-pajjiż tal-oriġini u l-kaxxa "iva" mmarkata b'salib;

(b) fil-kaxxa 20, waħda mill-entrati elenkati fl-Anness II.

8. Kull liċenzja għandha ssemmi l-kwantità għal kull kodiċi tan-NM.

9. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 30 jum mid-data proprja li fiha tkun inħarġet il-liċenzja. It-terminu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni, madankollu, ma għandux jaqbeż il-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 5

Notifiki lill-Kummissjoni

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mill-14 ta' Novembru 2014, bil-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi d-dikjarazzjonijiet nulli, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fil-perjodu tal-kwota;

(b) sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2015, bil-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi d-dikjarazzjonijiet nulli, koperti b'liċenzji tal-importazzjoni li ma jkunux intużaw jew li jkunu ntużaw parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.

2. Sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2015, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ġew irrilaxxati effettivament għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa matul il-perjodu tal-kwota tariffarja fuq l-importazzjoni stabbilit minn dan ir-Regolament.

3. Fil-każ tan-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-kwantità għandha tingħata f'kilogrammi u għandha titqassam skont in-numru tal-ordni.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

Irrispettivament mir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali, fil-kuntest ta' dan l-Anness, tiddependi mill-ambitu tal-kodiċijiet tan-NM. Meta huma indikati l-kodiċijiet ta' qabel tan-NM (il-kodiċijiet "ex"), l-użu tal-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita abbażi tal-kodiċi tan-NM u tad-deskrizzjoni korrispondenti, meħudin flimkien.

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Kwanità f'tunnellati (piż nett)	Ħlas applikabbli (f'EUR/t)
09.4273	0207 11 30 0207 11 90 0207 12 0207 13 10 0207 13 20 0207 13 30 0207 13 50 0207 13 60 0207 13 99 0207 14 10 0207 14 20 0207 14 30 0207 14 50 0207 14 60 0207 14 99 0207 24 0207 25 0207 26 10 0207 26 20 0207 26 30 0207 26 50 0207 26 60 0207 26 70 0207 26 80 0207 26 99 0207 27 10 0207 27 20 0207 27 30 0207 27 50 0207 27 60 0207 27 70 0207 27 80 0207 27 99 0207 41 30 0207 41 80 0207 42 0207 44 10 0207 44 21 0207 44 31 0207 44 41 0207 44 51 0207 44 61 0207 44 71 0207 44 81 0207 44 99	Il-laħam u l-ġewwieni li jista' jittiekel tat-tajr: frisk, imkessaħ jew iffriżat; laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat, tad-dundjan u ta' tajr tal-ispeċi *Gallus domesticus*	16 000	0

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Kwanità f'tunnellati (piż nett)	Ħlas applikabbli (f'EUR/t)
	0207 45 10 0207 45 21 0207 45 31 0207 45 41 0207 45 51 0207 45 61 0207 45 81 0207 45 99 0207 51 10 0207 51 90 0207 52 90 0207 54 10 0207 54 21 0207 54 31 0207 54 41 0207 54 51 0207 54 61 0207 54 71 0207 54 81 0207 54 99 0207 55 10 0207 55 21 0207 55 31 0207 55 41 0207 55 51 0207 55 61 0207 55 81 0207 55 99 0207 60 05 0207 60 10 ex 0207 60 21 (1) 0207 60 31 0207 60 41 0207 60 51 0207 60 61 0207 60 81 0207 60 99 0210 99 39 1602 31 1602 32 1602 39 21			
09.4274	0207 12	Il-laħam u l-ġewwieni li jista' jittiekel tat-tajr: mhux imqatta' f'biċċiet, iffriżat	20 000	0

(1) Farawni frisk jew imkessaħ, nofsu jew kwart minnu.

ANNESS II

L-entrati msemmija fl-Artikolu 4(7)(b)

— Bil-Bulgaru: Регламент за изпълнение (ЕС) № 413/2014
— Bl-Ispanjol: Reglamento de Ejecución (UE) nº 413/2014
— Biċ-Ċek Prováděcí nařízení (EU) č. 413/2014
— Bid-Daniż: Gennemførelsesforordning (EU) nr. 413/2014
— Bil-Ġermaniż: Durchführungsverordnung (EU) Nr. 413/2014
— Bl-Estonjan: Rakendusmäärus (EL) nr 413/2014
— Bil-Grieg: Εκτελεστικός κανονισμός (ΕΕ) αριθ. 413/2014
— Bl-Ingliż: Implementing Regulation (EU) No 413/2014
— Bil-Franċiż: Règlement d'exécution (UE) nº 413/2014
— Bil-Kroat: Provedbena uredba (EU) br. 413/2014
— Bit-Taljan: Regolamento di esecuzione (UE) n. 413/2014
— Bil-Latvjan: Īstenošanas regula (ES) Nr. 413/2014
— Bil-Litwan: Įgyvendinimo reglamentas (ES) Nr. 413/2014
— Bl-Ungeriż: 413/2014/EU végrehajtási rendelet
— Bil-Malti: Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 413/2014
— Bl-Olandiż: Uitvoeringsverordening (EU) nr. 413/2014
— Bil-Pollakk: Rozporządzenie wykonawcze (UE) nr 413/2014
— Bil-Portugiż: Regulamento de Execução (UE) n.º 413/2014
— Bir-Rumen: Regulamentul de punere în aplicare (UE) nr. 413/2014
— Bis-Slovakk: Vykonávacie nariadenie (EÚ) č. 413/2014
— Bis-Sloven: Izvedbena uredba (EU) št. 413/2014
— Bil-Finlandiż: Täytäntöönpanoasetus (EU) N:o 413/2014
— Bl-Iżvediż: Genomförandeförordning (EU) nr 413/2014.